Maltese Literature Group Inc.
Grupp Letteratura Maltija Ink.
Incorporation No. A8686H
*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*
**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

# FOLJU T'AĦBARIJIET
## Numru 194 :: LULJU 2012

**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com

## TIBDIL FIL-LAQGĦAT TAL-MEMBRI TA' KULL XAHAR

Minħabba li matul ix-xitwa qed inżommu l-laqgħat ta' kull xahar fl-aħħar Ħadd tax-xahar, fis-2 pm, il-laqgħa li tmiss se tkun nhar il-Ħadd, 5 t'Awwissu, 2012.

## PROGRAMM MUŻIKO-LETTERARJU

Il-Programm Mużiko-Letterarju ta' din is-sena se jinżamm il-**Ħadd, 23 ta' Settembru**, fis-Sala taċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-2 pm. Għalhekk żommu din id-data fil-kalendarju tagħkom u ppruvaw li tħeġġu lill-familja lil ħbiebkom biex jattendu wkoll.

## SERATA TA' TIFKIRA F'GĦELUQ IL-100 SENA MIT-TWELID TA' ANTON BUTTIGIEG

L-Uffiċċju tal-President flimkien mal-Akkademja tal-Malti tellgħu serata ta' tifkira f'għeluq il-mitt sena mit-twelid ta' Anton Buttigieg. Għal din is-serata, li saret nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Mejju fil-Palazz Verdala, attenda l-E.T. l-President George Abela, membri tal-Akkademja tal-Malti kif ukoll qraba tal-Poeta Anton Buttigieg. Matulha nqraw u ġew drammatizzati diversi xogħlijiet letterarji ta' Buttigieg, u kienu kantati wkoll numru ta'poeżiji tiegħu. Il-President tal-Akkademja tal-Malti, is-Sur Carmel Azzopardi, għamel diskors tal-okkażjoni dwar Anton Buttigieg, it-tieni President tar-Repubblika ta' Malta, u l-awtur Immanuel Mifsud ħejja studju kritiku dwar il-poeżija ta' Buttigieg, 'Ir-Raqda tal-Mewt'. Dr John Buttigieg, iben il-poeta, għamel kelmtejn bit-tema 'Missieri, kif niftakru jien'. Fis-serata ħadu sehem ukoll il-Prof. Manwel Mifsud, Cynthia Zerafa, il-Mro Dominic Galea u l-kantanta Doreen Galea, l-atturi Shirley Blake, Renato Dimech, Fabian Scerri De Carlo u Roderick Vassallo, bid-direzzjoni artistika ta' Josette Ciappara. Il-President, Dr George Abela, għamel diskors tal-għeluq.

***Patrick Sammut jikteb minn Malta...***

## KONKORS TAL-POEŻIJA INTERNAZZJONALI *"NOSSIDE"*

L-Għaqda Poeti Maltin taħdem fi sħab mal-Konkors tal-Poeżija Intenazzjonali NOSSIDE li tiegħu, jiena għandi l-unur inkun Delegat għal Malta. Ta' kull sena, in-NOSSIDE – imwaqqaf fl-1983 – ikun miftuħ għall-poeti kollha li jixtiequ jipparteċipaw b'kull ilsien, inkluż il-Malti. In-NOSSIDE għandu ħames ilsna uffiċjali li huma l-Ingliż, il-Franċiż, l-Ispanjol, il-Portugiż u t-Taljan. Imma fih jistgħu jipparteċipaw poeżiji b'kull lingwa u djalett, basta jkunu tradotti f'wieħed minn dawn il-ħames ilsna uffiċjali. F'dawn l-aħħar snin, l-Għaqda kellha l-parteċipanti tagħha f'Nosside li dejjem marru tajjeb meta tqis li għal konkors bħal dan jieħdu sehem aktar minn 60 pajjiż, 61 ilsien differenti u aktar minn 350 parteċipant. Ta' kull sena jkun hemm premjijiet sbieħ ferm. Jista' jipparteċipa kulmin għandu għal qalbu l-poeżija (miktuba, f'għamla ta' vidjow, u anki mmużikata). Min hu interessat jipparteċipa jista' jara r-regolamenti u ħwejjeġ oħrajn fis-sit www.nosside.org u għandu żmien sal-20 ta' Ġunju 2012. Dan huwa Premju li jlaqqa' poeti mid-dinja kollha, mela mill-ħames kontinenti. Il-Lejla ta' Premjazzjoni ssir fl-aħħar jiem ta' Novembru f'Reggio. Il-poeti rebbieħa u l-menzjonati speċjali jiġu mistiedna għal numru ta' jiem f'dil-belt, imma anki fi bliet oħra fi Sqallija, biex jaqraw il-poeżiji tagħhom f'postijiet differenti, kemm f'siti universitarji, kif ukoll f'libreriji magħrufin. Ikunu mistiedna wkoll jipparteċipaw għal programm speċjali fuq wieħed mill-istazzjonijiet televiżivi ta' Reggio. Jiena kont wieħed minn dawn fl-2008 u kelli l-opportunità niltaqa' ma' poeti mill-Amerika t'Isfel, miċ-Ċina u minn pajjiżi differenti tal-Ewropa. Nittama li bħal kull sena, Malta jkollha r-rappreżentanti tagħha fin-NOSSIDE tal-2012.

## KOTBA ĠODDA MINN MALTA

**Joseph Carm Camilleri** ħareġ ktieb 'Ġabra ta' Leġġendi'. L-awtur kien ilu snin jikteb fil-gazzetti u revisti Maltin bl-iskop li jqajjem konxjenza fost il-poplu tal-wirt kbir li għandha Malta fil-qasam tal-arti, storja u tradizzjonijiet. Għalhekk ġabar numru ta' leġġendi u kitibhom b'mod professjonali, jiġifieri mingħajr xenxil speċjali. Hu qasamhom f'diversi taqsimiet bħal dawk marbutin ma' San Pawl, il-Madonna, Żmien Prestoriku eċċ. Fost dawn il-leġġendi hemm 7 li qatt ma dehru qabel. Qed nirreferi għal-leġġendi ta' Ħal Tarxien u waħda minn Ħal Safi. Barra minn hekk, fil-bidu tal-ktieb l-awtur ipoġġi quddiem il-qarrej studju żgħir fuq il-leġġendi Maltin. Ta' min jgħid li dan l-aħħar saret teżi għal-*level* ta' *Masters* fejn l-istudenta użat dan il-ktieb fost kotba oħra. Min irid jixtri dan il-ktieb għandu jikteb f'dan l-indirizz elettroniku - jccam0009@hotmail.com (l-indirizz hu tal-awtur).

Dawn l-aħħar snin **John Bonello** ippubblika tliet kotba li huma triloġija ta' avventura fantastika li però għandha l-bidu tagħha f'Malta. Il-kotba huma pubblikazzjoni ta' *Merlin Publishers* u huma: ***It-Tielet Qamar*** (2008); ***L-Aħħar Ħolma*** (2010 - Rebbieħ tal-ewwel premju fil-kategorija proża għall-adoloxxenti tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb); ***Is-Sitt Aħwa*** (2012). Għalkemm il-kitbiet jappellaw l-aktar għall-adoloxxenti, l-awtur mar tajjeb ħafna ma' udjenza aktar matura minħabba li għażel li juża Malti aktar safi minn dak tal-letteratura kontemporanja. Tista' tara book trailer li nħadem għat-tnedija tat-tielet ktieb: **http://youtu.be/rE8ByDT3ba4**

***"L-Ghanja tat-Tifkira"*** (damma ta' poeżiji) tal-**Kav. Joe M. Attard.**
Qatt ma ġabarhom fi ktieb imma dan l-aħħar fuq insistenza ta' ħafna ħbieb, qabad salt minnhom u ħariġhom f'pubblikazzjoni pulita u attraenti. Żgur li ħafna Għawdxin u anke Maltin qegħdin hemm għax forsi kellhom xi anniversarju tat-tieġ, riedu xi poeżija għal fuq is-santa tal-Funeral, kellhom xi tfal għal Preċett jew Griżma, l-istatwa titulari għalqet xi żmien, u tifkiriet oħra. Ma jonqsux ċerti appuntamenti li l-poeta jżomm ta' kull sena bħalma huma l-Karnival, Il-Milied, il-festi titulari fil-Belt Victoria, San Ġorġ u Santa Marija, l-iStilla tal-maltemp, il-Kunċizzjoni u tant u tant okkażjonijiet oħra. Jidher li l-Kav. Joe M. Attard jista' jissejjaħ il-Poeta tal-Kummissjoni u tal-Okkażjoni, għax il-biċċa l-kbira tal-poeżiji tiegħu jidhru li nkitbu wara li l-Poeta ġie avviċinat biex jagħmel dan. Juża ħafna l-vers tat-tmienja, vers popolari u mexxej, u rari jitbiegħed minnu. Poeżiji oħra jfakkru xi avveniment bħas-Sette Giugno, il-kxif tal-Funtana li nsibu qabel nibdew neżlin lejn ix-Xatt tal-Imġarr, it-Traġedja tat-30 ta' Ottubru 1948, it-Tqegħid tal-Ewwel Ġebla tal-Każin tal-Banda San Girgor f'Ta' Kerċem flimkien ma' tant u tant oħrajn. Il-ktieb huwa mqassam f'ħames partijiet: Okkażjonijiet Speċjali bħal ngħidu aħna 'L-Ewwel Quddiesa Ta' Rev. Geoffrey George Attard (iben l-awtur); Anniversarji bħal ngħidu aħna 'L-Isptar Casa Sollievo della Sofferenza Jagħlaq 50 Sena'; Il-Festi Tagħna bħal 'San Ġorġ', 'Santa Marija'; F'Jum il-Mewt bħal ngħidu aħna 'Addio Carol' –mewt il-Papa Gwanni Pawlu t-Tieni; u l-aħħar Taqsima, Mixxellanja, u allura din tiġbor fiha ftit minn kollox bħal ngħidu aħna, 'Żjara lill-President ta' Malta mill-GRTA, Għawdex Gawhra, u oħrajn. Prosit lil Joe Zammit Ciantar li tassew ipproduċa ktieb sabiħ b'karta u tipa fina u xi illustrazzjonijiet. ***"L-Għanja tat-Tifkira"*** li għandu studju qasir mill-Professur Oliver Friggieri, naħseb li wieħed jieħu gost jaqrah għax jitkellem mill-ħajja soċjali tal-Għawdxin bil-ferħ u n-niket tagħhom waqt li jittratta wkoll suġġetti oħra ħfief bħal Paċi, il-Ħajja, iż-Żgħożija, id-Dinja ta' madwarna u temi oħra li ma tiddejjaqx taqra dwarhom. Jinkiseb mill-ħwienet ewlenin inkella b'telefonata m'għand l-awtur 21551325/79551325. Jinbiegħ tmien ewro imma żgur li jiswa ħafna iktar! Tista' tikkuntattja l-awtur Joe M. Attard emarjos@hotmail.com

**Norman C. Borg** ħadem fuq proġett żgħir li beda dan l-aħħar bit-tama li jxerred il-Malti permezz tal-midja elettronika u għaldaqstant lilhinn mix-xtut tal-gżejjer tagħna. Għadu kemm ippubblika l-ewwel eBook tiegħu, li jista' jinxtara minn fuq l-internet għall-prezz ta' $US2.66 minn www.lulu.com. Il-ktieb jismu ***Żarbun Imsaħħar*** u huwa mmirat lejn tfal ta' bejn id-9 u t-13-il sena. L-ebook huwa ppubblikat f'format PDF, u għalhekk jista' jitniżżel u jinqara fuq ħafna apparati elettroniċi moderni bħal *ereaders (Kindle), tablets (iPad)* u *smartphones (iPhone)*. Naturalment jista' jintuża wkoll fuq PC jew Mac. Dan huwa l-ewwel minn sensiela ta' kotba bil-għan li jqarreb lit-tfal lejn aktar qari bil-Malti. Għan ieħor huwa li jgħin idaħħal il-kitba Maltija f'din l-għalqa relattivament ġdida tal-midja elettronika - midja li aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar qed issir parti integrali fil-ħajja tal-ġenerazzjoni żagħżugħa. Qed jittama wkoll li dan jinkoraġġixxi aktar kittieba Maltin biex jikkontribwixxu xogħlijiet elettroniċi bil-Malti, ma' dawk il-ftit awturi li diġà rnexxielhom jagħmlu dan.
Aktar tagħrif tista' ssibu fuq http://www.normancborg.net/kotbafilbut/

## ITTRI LI RĊEVEJNA...

*Għażiż Sur Paul Vella,*

*Ma ngħidlekx kemm fraħt meta fil-kaxxa tal-ittri tiegħi, insib il-Folju tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria. Qatt ma kien wasalli qabel u għaldaqstant ma nafx lil min naqbad nirringrazzja li għoġbu jgħaddilkom l-indirizz elettroniku tiegħi biex jien nibda nirċevih. Jien naf ħafna lill-poeta Joe Saliba, li hu ħabib sinċier u poeta li tassew jolqotni, għax wera kapaċità kbira fi vrusu u jesprimi kull esperjenza li jgħaddi minnha f'ħajtu bil-kitba. Nifraħ immens naqra dwar l-attivitajiet letterarji tagħkom. Fil-Malti l-għaqda tagħna u b'ħidma bħal din, donnu li d-distanza tinħall fix-xejn u nħossuna maġenb xulxin henjin. Nawgura lill-Grupp tagħkom suċċess u nibgħat inselli għalikom. Nieħu gost jekk nibqa' nisma' bl-attivitajiet tagħkom permezz ta' dawn il-Folji. Tislijiet,*

***il-poetessa Maltija, Amanda Busuttil***

## ARTISTI

L-għatu tal-kaxxa tal-ilwien jingħalaq
dal-lejl. Jagħtiha għas-serħ il-ħolqien kollu.
Fejn skur jew ċar, fejn qawwi nkella mieles,
fejn jittaħħat fil-frisk u fejn fuqani
jiddi b'ilqit ix-xemx, fejn hieni ħiemed
jew fuq ruħu ferħan, dal-lejl jinxtorob
minn ilwienu w ħidmitu, jmil, jitraqqaq,
kulma kulur jissaffar f'bank jinqafel,
flus għat-tħaris.

Iżd'għada, Artist il-ħajja,
għada ħalli narak tikxef il-għana
b'ilwienek u b'lemħitek għax stil tiegħek.
Ngħid jien: nilmaħ fil-bosk ħadran u s-sema
ikħal il-paċi tiegħek infinita
b'tiżwiq irqiq li trid tkun int biex tifhmu.

Fuq it-turija tieghek, ftit seh'm 'tini
biex għada noħloq miegħek in-natura
bi stil nervuż ta' bniedem fl-art imħabbat,
bi stil tkagħwiġ ta' pinzellati, b'għafsa
mgħaġġla ta' stoċċijiet taż-żebgħa għannuna.

Fin-natura nesprimi xeħta, binja,
ħsieb u tqanqil u rieda waħdanija.
Sliemek infittex. Ħafif minnek joħroġ.
Joħroġ ħafif bħal nifs mas-sbieħ isebbaħ.
Kuljum irridu, w int hekk qrib w hekk imbiegħed
u, bħall-artisti, jien qatt kollni bl-hena
li kwadru nkun sawwart li xejn ma jonqsu.

***MANWEL CASSAR 5.4.10***
***Fuq xarabank mal-Pallet Pals fi triqtna lejn il-Flinders Ranges,***
***South Australia, għal ġimagħtejn inpittru.***

Victoria — Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP

*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV
**BANK OF VALLETTA p.l.c.**
*Uffiċċju Rappreżentattiv:*
**16 Watt Street, Sunshine 3020**
**Telephone: 9311-3222**